2.1 Il-persuna magħżula tinħatar fil-pożizzjoni ta' Reġistratur fil-Ministeru għas-Saħħa.

2.2 Il-pożizzjoni ta' Reġistratur hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' tnax-il (12) xahar.

7.3 Applications which are received after closing date and time (i.e. late applications) are not allowed.

7.4 Applicants are granted up to two (2) working days after closing date or up to two (2) working days from date of notification, whichever is the latter, to submit any incorrect or incomplete or missing documents.

Other General Provisions

8. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents,

may be viewed by accessing the website of the People and Standards Division (https://recruitmentintra.gov.mt/generalprovisions/GeneralProvisionsEN.pdf) or may be obtained from (recruitment.mfe@gov.mt). These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

The website address and email address of the receiving Section are (https://finance.gov.mt) and (recruitment.mfe@gov.mt).

8th April, 2022

MINISTRY FOR HEALTH

Position of Registrar in the Ministry for Health

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1. The Director General (People Managment Division), Ministry for Health, invites applications for the Position of Registrar in the Office of the Superintendent of Public Health in the Ministry for Health.

Duration of Assignment and Conditions

2.1 A selected candidate will be appointed in the position of Registrar in the Ministry for Health.

2.2 The position of Registrar is subject to a probationary period of twelve (12) months.

2.3 L-aċċettazzjoni ta' ħatra f'din il-pożizzjoni tfisser li kwanlunkwe applikazzjoni pendenti fi ħdan is-Servizz Pubbliku awtomatikament titqies bħala rinunzjata, sakemm dawn tal-aħħar ma jkunux applikazzjonijiet għal pożizzjonijiet SAAC jew applikazzjonijiet għal pożizzjoni definita meta l-uffiċjal ikkonċernat ikollu ħatra indefinita.

Salarju Marbut mal-Pożizzjoni

3. Is-salarju marbut mal-pożizzjoni ta' Reġistratur huwa ekwivalenti għal increment inqas mill-massimu ta' Skala ta' Salarju 7 (ekwivalenti għal €29,093.83 fl-2022), li jilħaq il-massimu tal-iskala mal-konferma tal-ħatra jew tlestija ta' sena (1) servizz fil-pożizzjoni, liema waħda tiġi l-aħħar.

Dmirijiet

4. Id-dmirijiet għal din il-pożizzjoni ta' Reġistratur jinkludu li:

i. Jamministra l-uffiċċju tar-Reġistratur u jagħmilha ta' segretarju/a għall-Kunsill/Kumitat;

ii. Imexxi l-elezzjonijiet fil-Kunsill/Kumitat;

iii. Ikun responsabbli għar-reġistrazzjoni ta' applikazzjonijiet lokali u barranin u jittratta mistoqsijiet mill-pubbliku;

iv. Iżomm reġistri fuq bażi ta' kuljum u jaġġorna r-reġistri rispettivi kemm fiżikament u permezz tad-databases tal-IT;

v. Jipproċessa miżati li jistgħu jkunu imposti mill-Kunsill/Kumitat u jkun kapaċi jmexxi u jappoġġa l-introduzzjoni ta' sistemi ta' pagamenti online meta u fejn applikabbli;

vi. Jassisti u jappoġġa lill-Kumitati/Sottokumitati imwaqqfa mill-Kunsill/Kumitat u jassisti lis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika skont kif ikun neċessarju;

vii. Jappoġġa proċeduri mwettqa mill-Kunsill/Kumitat rigward infurzar ta' standards professjonali etiċi;

viii. Ikun responsabbli għall-kumpilazzjoni u pubblikazzjoni ta' kwalunkwe materjal u rapporti mitluba mill-Kunsill/Kumitat;

ix. Ikun punt ta' kuntatt nazzjonali għal organizzazjonijiet simili u kumitati barra minn Malta, speċjalment rigward kontropartijiet fl-Unjoni Ewropea u jaġġorna d-Direttivi u Regolamenti tal-Unjoni Ewropea;

x. Jirrappreżenta lil Malta bħala punt ta' kuntatt nazzjonali f'fora internazzjonali speċjalment f'laqgħat tal-Unjoni Ewropea;

2.3 Accepting appointment in this position signifies that any pending applications within the Public Service are automatically considered renounced, unless the latter are applications for SAAC positions or applications for a definite position when the officer concerned holds an indefinite appointment.

Salary Pegged to the Position

3. The Salary attached to the position of Registrar is equivalent to the maximum of Salary Scale 7 less an increment (equivalent to €29,093.83 in 2022), with attainment of maximum of scale on confirmation of appointment after the probationary period of one (1) year or completion of one year service, whichever is the later.

Duties

4. The job duties for the position of Registrar include:

i. Administrates the Office of the Registrar and acts as secretary to the Council/Committee;

ii. Runs elections in the Council/Committee;

iii. Is responsible for the registration of local and foreign applications and deals with enquiries from the public;

iv. Maintains registers on a daily basis and updates the respective registers both physically and through IT databases;

v. processes fees that may be levied by the Council/Committee and is able to lead and support theintroduction of online payment systems when and where applicable;

vi. Assists and supports Committees/Sub-committees set up by the Council/Committee and assists the Superintendent of Public Health as may be necessary;

vii. Supports proceedings carried out by the Council/Committee with respect to enforcement of professional ethical standards;

viii. Is responsible for the compilation and publication of any material or reports that are requested by the Council/Committee;

ix. Acts as national contact point for similar organizations and committees overseas, especially as regards to European Union counterparts and updates the European Union Directives and Regulations;

x. Represents Malta as the national contact point in international forums especially European Union meetings;

xi. Jirrapreżenta lil Malta f'laqgħat barra minn Malta;

xii. Jagħti l-appoġġ neċessarju fix-xogħol amministrattiv fl-Uffiċċju tas-Supretendent tas-Saħħa Pubblika;

xiii. Jappoġġa lis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika f'każ ta' tibdil legali fl-Att tal-Professjonijiet tal-Kura tas-Saħħa;

xiv. Iwettaq kwalunkwe dmirijiet oħra kif determinat mis-Supritendent tas-Saħħa Pubblika;

xv. Jagħmel użu s-sistemi tat-Teknoloġija tal-Informatika li jkunu qed jintużaw fil-Ministeru għas-Saħħa;

xvi. Kwalunkwe kompitu ieħor li s-superjur jista' jiddelega lilu/ha, kif jista' jkun meħtieġ;

xvii. Kwalunkwe dmir ieħor hekk kif ordnat mis-Segretarju Permanenti Ewlieni

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

5.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i. a. ċittadini ta' Malta; jew

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar 'Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)', jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji; jew

xi. Represents Malta in meetings abroad;

xii. Provides the necessary support to the administrative work at the Office of the Superintendent of Public Health;

xiii. Supports the Superintendent of Public Health in required legal changes to the Health Care Professions Act;

xiv. Performs any other duties as determined by the Superintendent of Public Health;

xv. Makes use of the Information Technology systems which may be in operation within the Ministry for Health;

xvi. Undertakes any other tasks, which the superior may delegate to him/her as may be required;

xvii. Carries out any other duties as directed by the Principal Permanent Secretary

Eligibility Requirements

5.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

i. a. citizens of Malta; or

b. citizens of the other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

c. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

e. third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the 'Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006' or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the 'Family Reunification Regulations, 2007'; or

f. Fil-pussess ta' dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument 'Status ta' Residenza ta' Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja tagħhom f'Malta skont il-Ftehim dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u l- Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika'.

Għandu jintalab il-parir tat-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunità Malta u tat-Taqsima tal-Espatrijati fi ħdan l-Aġenzija Identità Malta skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

ii. ikunu proficjenti fil-lingwa Maltija u l-lingwa Ingliża; U

iii. fil-pussess ta' kwalifika rikonoxxuta ta' Masters fil-Livell 7 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 60 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti*) f'Health Science, jew Business Administration, Evidence Based Management jew Work and Human Resource Management, jew Public Administration, jew Public Management, jew Public Policy, jew Leadership and Organisational Behaviour, jew Leadership and Change Management, jew Strategic Management, jew Marketing, jew Communication Studies, jew Entrepreneurship, jew European Studies, flimkien ma' sena (1) esperjenza ta' xogħol rilevanti;

JEW

iv. fil-pussess ta' kwalifika rikonoxxuta ta' Bachelors fil-Livell 6 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 180 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti*) f'Health Science, jew Business Administration, flimkien ma' tliet (3) snin esperjenza ta' xogħol rilevanti.

*Fin-nuqqas ta' evidenza dokumentata dwar il-kretti ECTS/ECVET jew sistema oħra ta' kejl tal-kontenut tal-kors, il-bord tal-għażla għandu jevalwa l-programm ta' studju sottomess u jiddetermina li huwa kumparabbli ma' 60/180 krettu ECTS/ECVET (skont kif applikabbli). Jista' jintalab il-parir tal-MQRIC.

v. Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal din il-pożizzjoni jridu jkunu kkonfermati fil-ħatra kurrenti tagħhom.

5.2 (i) Kwalifiki f'livell ogħla minn dak imsemmi hawn fuq jiġu aċċettati għal finijiet ta' eliġibbiltà, sakemm jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-suġġett speċifikat.

f. in possession of a residence document issued in terms of the 'Residence Status of United Kingdom Nationals and their Family Members in Malta in accordance with the Agreement on the Withdrawal of the United Kingdom and Northern Ireland from the European Union and the European Atomic Energy Community Regulations'.

The advice of the Citizenship Unit within Community Malta Agency and the Expatriates Unit within Identity Malta Agency should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

ii. must be proficient in the Maltese and English languages; AND

iii. in possession of a recognised Masters qualification at MQF Level 7 (subject to a minimum of 60 ECTS/ECVET credits, or equivalent*), in Health Science, or Business Administration, Evidence Base Management or Work and Human Resource Management, or Public Administration, or Public Management, or Public Policy, or Leadership and Organisational Behaviour, or Leadership and Change Management, or Strategic Management, or Marketing, or Communication Studies, or Entrepreneurship, or European Studies, plus one (1) year relevant work experience;

OR

iv. in possession of a recognised Bachelors qualification at MQF Level 6 (subject to a minimum of 180 ECTS/ECVET credits, or equivalent*), in Health Science, or Business Administration, plus three (3) years relevant work experience.

*In the absence of documentary evidence as to the ECTS/ECVET credits or other system of measuring the course content, the selection board is to evaluate the submitted programme of study and determine that it is comparable to 60/180 ECTS/ECVET credits (as applicable). The advice of the MQRIC may be sought

v. Public Officers applying for this position must be confirmed in their current appointment.

5.2 (i) Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements.

(ii) Barra minn hekk, kandidati li għadhom ma kisbux formalment l-ebda waħda mill-kwalifiki msemmija hawn fuq xorta jiġu kkunsidrati. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li ġew approvati għall-għoti tal-kwalifika inkwistjoni.

(iii) Aktar minn hekk, kandidati li bħalissa qed isegwu programm ta' studju rikonoxxut f'livell tal-MQF ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu kkunsidrati wkoll. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li temmew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS/ECVETS, jew ekwivalenti, u laħqu l-livell tal-MQF meħtieġ, sal-ħin u d-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

5.3 L-applikanti għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-post li għalih saret l-applikazzjoni. Fil-każ ta' applikanti li diġà qegħdin fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, il-GP 47 għandu jintalab mill-HR Unit tal-ministeru/dipartiment li joħroġ is-sejħa għall-applikazzjonijiet mingħand id-Direttur responsabbli għall-HR fejn l-applikanti jkunu qed iservu, filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandom jipproduċu Ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni u jiddikjaraw jekk qatt kinux fis-Servizz tal-Gvern, u jagħtu d-dettalji.

5.4 Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra f'din il-pożizzjoni, skont 5.1 sa 5.3 hawn fuq, mhux biss sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

5.5 L-applikanti huma obbligati li jinfurmaw immedjatament lill-Bord tal-Għażla (jekk ir-riżultat għadu ma ġiex ippubblikat, f'liema każ l-applikazzjoni għandha tiġi rtirata mill-applikant), jew lill-HR Unit tal-ministeru/dipartiment minn fejn inħarġet is-sejħa (jekk ir-riżultat ikun ġie ppubblikat) dwar kwalunkwe bidla fl-istatus tal-ħatra tagħhom mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni sad-data tal-għeluq, jew hekk kif jiġu msejħa għall-ħatra bħala riżultat ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, skont il-każ. In-nuqqas ta' osservanza ta' din l-istruzzjoni jista' jwassal għal azzjoni dixxiplinarja. Min-naħa tiegħu, fil-bidu tal-intervista, il-Bord tal-Għażla għandu jitlob lill-kandidat jiddikjara kull bidla fl-istatus tal-ħatra attwali tiegħu/tagħha mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni.

5.6 L-applikanti prospettivi għandhom jaraw id-dispożizzjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

6.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, li kopja

(ii) Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the above-mentioned qualifications will still be considered. Such candidates are to submit evidence that they have been approved for the award of the qualification in question.

(iii) Furthermore, candidates who are currently following a recognised programme of study at a higher MQF level than that requested above will also be considered. Such candidates are to submit evidence that they have successfully completed the necessary ECTS/ECVETS credits, or equivalent, and attained the required MQF level, by the closing time and date of the call for applications.

5.3 Applicants must be of conduct which is appropriate to the post applied for. In the case of applicants who are already in the Malta Public Service, the GP 47 is to be requested by HR Unit of the ministry /department issuing the call for application from the Director responsible for HR where applicants are serving, while those applying from outside the Public Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details.

5.4 Applicants must be eligible to take up their due appointment, in terms of 5.1 to 5.3 above, not only by the closing time and date of this call for applications but also on the date of appointment.

5.5 Applicants are obliged to immediately inform the Selection Board (if result has not yet been published, in which case the application should be withdrawn by the applicant) or the HR Unit within the issuing ministry/department (if result has been published) upon any change in the status of their appointment from the date of submission of their application until the closing date, or upon being called for appointment as a result, of this call for application, as the case may be. Non-observance of this instruction may lead to disciplinary action. On its part, at the start of the interview, the Selection Board will request the candidate to declare any changes in status of his/her current appointment from the date of submission of application.

5.7 Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

Submission of Supporting Documents

6.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of

tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tar-Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

6.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-Għażla

7.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-pożizzjoni. Il-marka massima għal dan il-proċess tal- għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

7.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 5.1 sa 5.5, għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

8.1 L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tad-Diviżjoni tal-People Management, Ministeru għas-Saħħa, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta,VLT 1171, permezz tar-Recruitment Portal **biss** (https://recruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant). Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandom jipproduċu Ċertifikat tal-Kondotta li tali dokument irid ikun maħruġ mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal- applikazzjoni, f'format PDF, li għandhom jintbagħtu permezz tal-portal. Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija l-5.15 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar it-Tnejn, 25 ta' April, 2022. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

8.2 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar tletin (30) minuta biex jissottemettu l-applikazzjoni tagħhom.

8.3 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

8.4 L-applikanti jingħataw sa jumejn (2) xogħol wara d-data tal-għeluq jew sa jumejn (2) xogħol mid-data tan-notifika, liema tiġi l-aħħar, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

9. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

which are to be scanned and sent through the Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

6.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection Procedures

7.1 Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the position. The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

7.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 5.1 to 5.5, have proven relevant work experience .

Submission of Applications

8.1 Applications are to be submitted, for the attention of the People Management Division, Ministry for Health, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Valletta VLT 1171, through the Recruitment Portal **only** (https://recruitment.gov.mt). Applications are to include a Curriculum Vitae (which should include a list of qualifications held by applicant). Those applying from outside the Public Service must produce a Certificate of Conduct not later than one month from the date of application as applicable which has been issued not earlier than one (1) month from the date of application, in PDF format, which are to be uploaded through the portal. The closing date of the receipt of applications is 5.15 p.m. (Central European Time) of Monday, 25th April, 2022. A computer-generated email will be sent as an acknowledgement of the application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

8.2 It is the responsibility of the applicants not to leave until the last thirty (30) minutes for submission of their application.

8.3 Applications which are received after closing date and time (i.e. late applications) are not allowed.

8.4 Applicants are granted up to two (2) working days after closing date or up to two (2) working days from date of notification, whichever is the later, to submit any incorrect or incomplete or missing documents.

Other General Provisions

9. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
reasonable accommodation for registered persons with disability;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
il-proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;
eżami mediku;
aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti,

jistgħu jiġu aċċessati permezz tas-sit elettroniku tad-Diviżjoni dwar Nies u Standards (https://recruitmentintra.gov.mt/generalprovisions/GeneralProvisionsMT.pdf) jew jinkisbu mid-Diviżjoni tal-Peoople Management, Ministeru għas-Saħħa, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta VLT 1171. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku u l-indirizz elettroniku tad-Diviżjoni huma (https://deputyprimeminister.gov.mt) u (recruitment.health@gov.mt).

It-8 ta' April, 2022

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI

Espressjoni ta' Interess għal Servizzi ta' Appoġġ għall-iStatementing Moderating Panel fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

Il-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni jgħarraf li qiegħed jirċievi applikazzjonijiet mingħand persuni li lesti jipprovdu servizzi ta' sapport fuq bażi ta' 'Kuntratt għal Servizz' għall-iStatementing Moderating Panel fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni.

L-iStatementing Moderating Panel huwa magħmul minn tliet bordijiet li evalwaw talbiet għal-Learning Support Educators għal studenti li jeħtieġu aktar appoġġ fl-iskejjel. Is-servizzi meħtieġa mill-persuna li tintgħażel jinkludu dawn li ġejjin:

Gwida lill-applikanti dwar il-proċess tal-bordijiet tal-iStatementing Moderating Panel;

Tiċċekkja, tirreġistra u tibgħat irċevuti għall-applikazzjonijiet li jidħlu;

Tikkordina s-seduti tal-bordijiet;

Tipproċessa talbiet ta' reviżjoni u tikkordina żjajjar fl-iskejjel mill-Ispeċjalisti tal-Inklużjoni;

the submission of recognition statements in respect of qualifications;
the publication of the result;
the process for the submission of petitions concerning the result;
medical examination;
access to application forms and related details;
retention of documents,

may be viewed by accessing the website of the People and Standards Division (https://recruitmentintra.gov.mt/generalprovisions/GeneralProvisionsEN.pdf) or may be obtained from the People Management Division, Ministry for Health, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Valletta, VLT 1171.These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

The website address, and e-mail address of the receiving Division are (https://deputyprimeminister.gov.mt) and (recruitment.health@gov.mt).

8th April, 2022

MINISTRY FOR EDUCATION, SPORT, YOUTH, RESEARCH AND INNOVATION

Expression of Interest for Support Services for the Statementing Moderating Panel within the Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation

The Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation notifies that applications are being received from interested parties willing to provide support services on a 'Contract for Service' basis for the Statementing Moderating Panel within the Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation.

The Statementing Moderating Panel consists of three boards for the allocation of Learning Support Educators to students who require additional support in schools. The services required include the following:

Guide individuals on the process of the Statementing Moderating Panels;

Assess, register and acknowledge incoming referrals;

Coordinate panel and boards sittings;

Process review requests and co-ordinate school visits by the Inclusion Specialists;

Tlesti l-aġenda u d-dokumentazzjoni għar-rapporti tal-każijiet għas-sessjonijiet ta' kull ġimgħa;

Issegwi d-deċiżjonijiet, inkluż id-dokumentazzjoni, għal kull każ imressaq quddiem il-bordijiet.

Iżżomm rekords aġġornati u tlesti d-data u dokumenti uffiċjali għall-bordijiet; tibgħat id-deċiżjonijiet tal-bord lill-persuni konċernati;

Kull xogħol ieħor li jista' jiġi assenjat miċ-Chairperson.

Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-applikanti li għandhom esperjenza ta' xogħol segretarjali u fi proċessi amministrattivi li jolqtu l-istudenti bi bżonnijiet speċjali. Kwalifika f'Livell QMK 3 u fil-programmi ta' Word u Excel huma meħtieġa.

Min jintgħażel huwa mistenni li jaħdem taħt pressjoni u jilħaq skadenzi stretti.

L-applikanti jkunu meħtieġa jipprovdu sa 30 siegħa ta' servizz fil-ġimgħa. Il-ħlas ikun sa €10.29 (eskluża l-VAT) fis-siegħa skont il-kwalifiki u l-esperjenza.

L-applikanti eliġibbli jkunu meħtieġa joqogħdu għal intervista u għandhom iġibu magħhom iċ-ċertifikati oriġinali tagħhom, kif ukoll ċertifikat validu tal-kondotta tal-pulizija (maħruġ fi żmien xahar).

Mistoqsijiet dwar servizzi speċifiċi u l-kundizzjonijiet jistgħu jsiru permezz ta' ittra elettronika lil (josanne.ghirxi@ilearn.edu.mt) jew bin-numru tat-telefown 2598 3421.

Espressjonijiet ta' Interess jintlaqgħu permezz ta' ittra elettronika lil (josanne.ghirxi@ilearn.edu.mt) sa nofsinhar ta' nhar it-Tnejn, 18 ta' April, 2022.

It-8 ta' April, 2022

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI

Espressjoni ta' Interess

Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni (MEYR) qed jilqa' applikazzjonijiet mingħand persuni interessati li jipprovdu twettiq ta' doveri fuq bażi ta' 'Kuntratt għal-Servizz' fir-rwol ta' Konsulent Tekniku u Installatur fuq 'Cisco Collaborative System' u subsistemi li jinkludu ISDN gateways u aggregators installati fiċ-Ċentru tal-Informazzjoni, u Alcatel PABX fuq is-sit li qed tiġi mwaqqfa gradwalment u qed tiġi sostitwita b'sistema Cisco. It-terminu

Prepare the agenda and relevant documentation for case reports for weekly sessions;

Follow up decisions, including the preparation of statements of support for each case, taken by the panel, appeals and review boards;

Maintain up to date records including the preparation of data and official documents for boards and dissemination of Panel/Board decisions;

Any other tasks that may be assigned by the Chairperson.

Due consideration will be given to applicants who have secretarial working experience and proven work experience in such processes with special needs children. Qualification at MQF Level 3 will be considered positively. Knowledge of Word and Excel are necessary.

Successful candidate is expected to work under pressure and meet tight deadlines.

Applicants will be required to provide up to 30 hours of service per week. Remuneration will be up to €10.29 (excluding VAT) per hour according to qualifications and experience.

Eligible applicants will be required to sit for an interview and are to bring their original certificates with them, as well as a valid police conduct certificate.

Enquiries about specific services required and conditions can be made by email to (josanne.ghirxi@ilearn.edu.mt) or by telephone number 2598 3421.

Expressions of Interest will be received by email to (josanne.ghirxi@ilearn.edu.mt) until noon on Monday, 18th April, 2022.

8th April, 2022

MINISTRY FOR EDUCATION, SPORT, YOUTH, RESEARCH AND INNOVATION

Expression of Interest

The Permanent Secretary, Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation (MEYR) will be receiving applications from interested persons to perform duties on a 'Contract for Service' basis in the role of VOIP Telephony as Technical Consultant and Installer on Cisco Collaborative System and subsystems including ISDN gateways and aggregators installed at the MEYR Data Centre and an Alcatel onsite PABX, with the latter being phased out and replaced with Cisco system. The contract term shall be of

tal-kuntratt huwa validu għal-sena (1) għal massimu ta' elf u ħames mitt (1500) siegħa.

Il-ħidmiet li jaqgħu fl-ambitu ta' din l-Espressjoni ta' Interess, huma li ġejjin:

Konfigurazzjoni ta' telefowns CISCO fuq is-sistema CISCO CUCM;

Il-manutenzjoni u s-sapport tal-Alcatel PABX u l-migrazzjoni tal-utenti u s-servizzi kollha fuq is-sistema CISCO CUCM;

Pjan ta' migrazzjoni tal-utenti fuq l-Alcatel PABX bl-intenzjoni għad-diżattivazzjoni tal-Alcatel PABX;

Tneħħija tal-linji tal-PSTN mill-iskejjel kollha tal-Gvern;

Programmar ta' apparat tan-network biex iqabbad jew ibiddel telefowns VOIP skont il-bżonnijiet tal-iskejjel u tal-uffiċċji tal-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni (MEYR); u

Dokumentazzjoni għal kull telefown installat;

Trasferiment tas-sistema kompluta.

Individwi interessati għandu jkollom rekord ippruvat ta' esperjenza fuq telefonija VOIP.

Espressjonijiet ta' Interess, li jinkludu l-ispejjeż involuti (VAT inkluża), se jintlaqgħu permezz tal-posta elettronika fuq (imu.meds@gov.mt), sa nofsinhar tal-Ħamis, 14 ta' April, 2022. Individwi interessati għandhom jibagħtu curriculum vitae dettaljata u kopji ta' ċertifikati oriġinali.

Kandidati eliġibbli huma meħtieġa jattendu għal intervista.

Iktar mistoqsijiet u kjarifiki jistgħu jinkisbu permezz ta' dawn il-kuntatti:

Indirizz elettroniku: (imu.meds@gov.mt)
Numru tat-telefown: 2598 1900

It-8 ta' April, 2022

FORZI ARMATI TA' MALTA

Programm ta' Sparar Attiv fir-Ranges ta' Pembroke – Mejju u Ġunju 2022

Il-Forzi Armati ta' Malta se jwettqu programm ta' sparar attiv mir-Ranges ta' Pembroke matul ix-xhur ta' Mejju u Ġunju 2022, fid-dati u l-ħinijiet indikati hawn taħt:

one (1) year for a maximum of one thousand five hundred (1500) hours.

The tasks that fall within the scope of this Expression of Interest are as follows hereunder:

Configuration of CISCO telephone sets on the Cisco CUCM system;

Maintain and Support Alcatel PABX and migrate users and all services onto Cisco CUCM;

Plan to migrate all the users on Alcatel with the intent to decommission the Alcatel PABX;

Removal of PSTN lines from all government schools;

Programming of Network equipment to connect or replace VOIP telephone sets according to the needs of the schools and the offices of the Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation (MEYR); and

Documentation for each telephone installed;

Handover of entire system.

Interested individuals are to have a proven track record experience in the VOIP telephony.

Expressions of Interest, stating the costs involved (including VAT), will be received by email on (imu.meds@gov.mt) until noon of Thursday 14th April, 2022. Interested parties must also forward a detailed CV and copies of original certificates.

Eligible candidates will be required to attend an interview.

Further enquiries or clarifications may be obtained through the following contacts:

Email: (imu.meds@gov.mt)
Telephone number: 2598 1900

8th April, 2022

ARMED FORCES OF MALTA

Live Firing Programme – Pembroke Ranges – May and June 2022

Live firing practice will be taking place at Pembroke Ranges during the months of May and June 2022. Respective dates and timings are indicated hereunder:

Mit-Tnejn, 2 ta' Mejju, 2022 sal-Ġimgħa, 6 ta' Mejju, 2022, mit-8.00 a.m. sal-4.00 p.m. (ħin lokali)

Mit-Tnejn, 9 ta' Mejju, 2022 sal-Ġimgħa, 13 ta' Mejju, 2022, mit-8.00 a.m. sal-4.00 p.m. (ħin lokali)

Mit-Tnejn, 16 ta' Mejju, 2022 sal-Ġimgħa, 20 ta' Mejju, 2022, mit-8.00 a.m. sal-4.00 p.m. (ħin lokali)

Mit-Tnejn, 23 ta' Mejju, 20222 sal-Ġimgħa, 27 ta' Mejju, 2022, mit-8.00 a.m. sal-4.00 p.m. (ħin lokali)

Mit-Tnejn, 30 ta' Mejju, 2022 sal-Ġimgħa, 3 ta' Ġunju, 2022, mit-8.00 a.m. sal-4.00 p.m. (ħin lokali)

Nhar it-Tnejn, 6 ta' Ġunju, 2022, mit-8.00 a.m. sal-4.00 p.m. (ħin lokali)

Mill-Erbgħa, 8 ta' Ġunju, 2022 sal-Ġimgħa, 10 ta' Ġunju, 2022, mit-8.00 a.m. sal-4.00 p.m. (ħin lokali)

Mit-Tnejn, 13th June, 2022 sal-Erbgħa, 15 ta' Ġunju, 2022, mit-8.00 a.m. sal-4.00 p.m. (ħin lokali)

Nhar il-Ħamis, 16 ta' Ġunju, 2022, mit-8.00 a.m. sas-1.30 p.m. (ħin lokali).

L-entitajiet kollha huma infurmati li l-FAM se jattivaw LMD-6 Pembroke low, żona ta' erba' (4) mili nawtiċi b'ċentru fuq il-pożizzjoni 355554N 0142832E li tgħaqqad il-punti li ġejjin: 355946N 0142715E - 35 5829N 0143219E.

Il-bastimenti kollha għandhom iżommu erba' (4) mili nawtiċi 'l bogħod mix-xatt ta' Pembroke fid-dati u l-ħinijiet imsemmija.

Għandhom jittajru bnadar ħomor fil-limiti tar-ranges konċernati fid-dati u l-ħinijiet imsemmija.

MATS għandhom jattivaw LMD 06 'Pembroke low' waqt il-ħinijiet imsemmija.

It-8 ta' April, 2022

From Monday, 2nd May, 2022 till Friday, 6th May, 2022, from 8.00 a.m. till 4.00 p.m. (local time)

From Monday, 9th May, 2022 till Friday, 13th May, 2022, from 8.00 a.m. till 4.00 p.m. (local time)

From Monday, 16th May, 2022 till Friday, 20th May, 2022, from 8.00 a.m. till 4.00 p.m. (local time)

From Monday, 23rd May, 2022 till Friday, 27th May, 2022, from 8.00 a.m. till 4.00 p.m. (local time)

From Monday, 30th May, 2022 till Friday, 3rd June, 2022 from 8.00 a.m. till 4.00 p.m. (local time)

On Monday, 6th June, 2022, from 8.00 a.m. till 4.00 p.m. (local time)

From Wednesday, 8th June, 2022 till Friday, 10th June, 2022, from 8.00 a.m. till 4.00 p.m. (local time)

From Monday, 13th June, 2022 till Wednesday, 15th June, 2022, from 8.00 a.m. till 4.00 p.m. (local time)

On Thursday, 16th June, 2022, from 8.00 a.m. till 1.30 p.m. (local time)

The attention of all entities concerned is drawn to the fact that the AFM will be activating LMD-6 Pembroke low, an area with 4 NM radius centered on 355554N 0142832E joining the following points: 355946N 0142715E - 35 5829N 0143219E.

All vessels are to keep four nautical miles (4 NM) off Pembroke coast during the above dates and times.

Red marker flags, indicating that the ranges are in use will be flown on the dates and times in caption from the limits of the ranges concerned.

MATS is to activate LMD 06 'Pembroke low' during the above times.

8th April, 2022

DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET

Eżami li Jikkwalifika għall-Post ta' Security Guard fis-Servizz Pubblliku ta' Malta – April 2022

Eżami tal-Kitba

Id-Direttur tal-Eżamijiet jgħarraf li l-avviż tal-eżami msemmi hawn fuq intbagħat lill-kandidati kkonċernati.

Dawk l-applikanti li ma rċevewx l-avviż tal-eżami huma mitluba biex jikkuntattjaw immedjatament lid-Dipartiment tal-Eżamijiet bin-numru tat-telefown 2598 2958 jew b'ittra elettronika lil (myexams@gov.mt).

It-8 ta' April, 2022

DEPARTMENT OF EXAMINATIONS

Qualifying Examination for the Post of Security Guards in the Malta Public Service – April 2022

Written Examination

The Director of Examinations notifies that the notice of the abovementioned examination has been sent to the candidates concerned.

Those applicants who have not received the notice of the examination are advised to contact immediately the Department of Examinations on telephone number 2598 2958 or by email to (myexams@gov.mt).

8th April, 2022

MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

Talbiet għall-Pagamenti għall-Bdiewa u r-Raħħala fuq Skemi Diretti u dawk marbuta mal-Art

L-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali (ARPA), fi ħdan il-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali (MAFA), se tilqa' talbiet għall-pagamenti għas-sena 2022 fuq diversi skemi kofinanzjati mill-Unjoni Ewropea u l-Gvern Malti.

L-iskemi li wieħed jista' japplika għall-għajnuna finanzjarja taħthom huma:

Pagamenti Diretti
Miżuri Agro-Ambjentali-Klima 2014-2020
Miżuri ta' Biedja Organika 2014-2020
Żoni b'Restrizzjonijiet Naturali

It-talbiet għall-pagamenti se jintlaqgħu bejn it-Tnejn, 11 ta' April, 2022, u t-Tnejn, 16 ta' Mejju, 2022. Talbiet għal ħlas sottomessi wara din id-data jkunu suġġetti għal penali ta' 1% kuljum sa 25 ġurnata wara, jiġifieri sa nhar il-Ġimgħa, 10 ta' Ġunju, 2022. Talbiet sottomessi wara din id-data mhumiex se jkunu aċċettati.

Għal aktar informazzjoni wieħed jista':

Iżur is-sit elettroniku tal-Aġenzija (www.arpa.gov.mt)
Iċempel bin-numru tat-telefown 2292 6148
Jibgħat ittra elettronika lil (arpa.mafa@gov.mt)

It-8 ta' April, 2022

MINISTRY FOR AGRICULTURE, FISHERIES, AND ANIMAL RIGHTS

Payment Claims related to Direct and Area Aid Schemes for Farmers and Livestock Breeders

The Agriculture and Rural Payments Agency (ARPA), within the Ministry for Agriculture, Fisheries and Animal Rights (MAFA), will be receiving payment claims for the year 2022 on various schemes co-financed by the European Union and the Maltese Government.

The schemes for Financial Aid applicable are:

Direct Payment Schemes
Agri-Environmental Climate Measures 2014-2020
Organic Farming Measures 2014-2020
Areas with Natural Constraints

Payment Claims will be accepted from Monday, 11th April, 2022, until Monday, 16th May, 2022. Payment Claims submitted after this date will be subject to a penalty of 1% per day for up to 25 days, that is up until Friday, 10th June, 2022. Claims submitted after this date will not be accepted.

For more information one may:

Visit the Agency's website (www.arpa.gov.mt)
Call on telephone number 2292 6148
Send an email to (arpa.mafa@gov.mt)

8th April, 2022

L-AWTORITÀ MALTIJA DWAR IL-LOGĦOB

Lista ta' kuntratti tal-offerti u direct contracts mogħtija mill-Awtorità Maltija dwar il-Logħob matul il-perjodu mill-1 ta' Lulju, 2021 sal-31 ta' Diċembru, 2021, skont l-Artiklu 111(2) tar-Regolamenti tal-Kuntratti Pubbliċi (L.S. 601.03).

It-8 ta' April, 2022

MALTA GAMING AUTHORITY

List of tender contracts and direct contracts awarded by the Malta Gaming Authority during the period from 1st July, 2021 to 31st December, 2021, published in terms of Regulation 111(2) of the Public Procurement Regulations (S.L. 601.03),

8th April, 2022

Offerti/*Tenders

Numru ta' Referenza għall-Offerta *Tender Reference Number*	Titlu tal-Offerta/Suġġett tal-Offerta *Tender Title/Subject of Tender*	Data tal-Għotja *Award Date*	Isem tal-Kuntrattur *Contractor's Name*	Valur tal-Kuntratt VAT Eskluż *Contract Value Excl. VAT*
SPD7/2021/032	Tender for the appointment of an insurance broker and the provision of various insurance covers for the Malta Gaming Authority	10/12/2021	AIB Insurance Brokers Limited	270,936.00

*Awtoritajiet Kuntrattwali għandhom iniżżlu kwalunkwe offerti (inkluż Design Contests u Innovation Partnerships) mogħtija lilhom mingħajr l-involviment tad-Direttorat tas-Sectoral Procurement
** Contracting Authorities are to list any tenders (including Design Contests and Innovation Partnerships) awarded by them without the involvement of the Sectoral Procurement Directorate*

Direct Contracts

Numru ta' Referenza tad-Direct Contract *Direct Contract Reference Number*	Titlu tad-Direct Contract/Suġġett tad-Direct Contract *Direct Contract Title/Subject of Direct Contract*	Data tal-Għotja *Award Date*	Isem tal-Kuntrattur *Contractor's Name*	Valur tal-Kuntratt VAT Eskluż *Contract Value Excl. VAT*
100/2020/39	Renewal of Group Health Insurance covering the period from 01/08/2021 - 31/07/2022	18/07/2021	AIB Insurance Brokers Ltd	55,453.59
100/2020/39	Advocates Provision of Legal Advice and Litigation Services	21/07/2021	GVZH	21,600
100/2020/39	Provision of Systems and Network Maintenance Agreement (Network Infrastructure, Servers Infrastructure, and CCTV system)	01/09/2021	Infinite Fusion Technologies	53,810
100/2020/39	Provision of Space at the ICE London 2022 Exhibition	20/10/2021	Clarion Events Limited	31,234.14
100/2020/39	(C6) Provision of one year subscription of KYC6 Search and Monitor system for up to 20 users	01/12/2021	Acuris Risk Intelligence Ltd	19,773.56
MGA006371	Data analysis	17/10/2021	Vincent Marmara	51,012
MGA007693	Accomodation for ICE for 15 persons	01/11/2021	Novohotel London	18,445.17
MGA007576	Fuel Inspectorate Fleet Jan-Dec 21	31/12/2021	FBSS	10,623.74
MGA007559	Recuitment Fee	22/07/2021	CSB	6,808.60
MGA007645	Online Sportsbook Management Classroom Training	22/07/2021	iGaming Academy	6,000
MGA007597	Vehicle Insurance	04/08/2021	AIB	7,363.96
MGA007595	Desk Separators	15/08/2021	Shaker	5,079.00
MGA007616	Leadership training Workshops including Prism	24/08/2021	Mdina International	9,812
MGA007646	Recruiment Fee	29/09/2021	CSB	5650
MGA007621	Self Exclusion Support Hours	30/09/2021	Smart Technologe Software Limited	6,624
MGA007681	Social Committee Event	01/10/2021	Radisson	5,000
MGA007638	CRM+Portal Support	01/10/2021	Exigy	9,850
MGA007626	Clue user subscription (For a period of 18 months)	01/10/2021	Clue Computing	6,116.91
MGA007657	Performance management framework rating scales revamp	07/10/2021	Pricewaterhouse Coopers	5,200.00

Numru ta' Referenza tad-Direct Contract *Direct Contract Reference Number*	Titlu tad-Direct Contract/Suġġett tad-Direct Contract *Direct Contract Title/Subject of Direct Contract*	Data tal-Għotja *Award Date*	Isem tal-Kuntrattur *Contractor's Name*	Valur tal-Kuntratt VAT Esklużi *Contract Value Excl. VAT*
MGA007695	VOIP Maintenance Agreement	01/11/2021	Computime	6,795
MGA007765	Sports and Social Committee event	10/12/2021	Corinthia Caterers	6,936.44
MGA007764	Coaching Sessions Senior Executives	14/12/2021	Mdina International	6,556
MGA007764b	Coaching Sessions Managers and Heads	14/12/2021	Mdina International	7502
MGA007756	Recruitment Fee	16/12/2021	Konnekt	7,553.10
MGA007768	Stand Design ICE 2022	17/12/2021	RedOrange	7500

KUNSILL LOKALI SANTA VENERA

Laqgħa Pubblika

Skont Artikolu 70 (1) tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363), il-Kunsill Lokali Santa Venera jgħarraf li nhar il-Ħamis, 21 ta' April, 2022, fil-5.30 p.m., se ssir il-laqgħa pubblika tal-Kunsill fis-Sala tas-Soċjetà Filarmonika Santa Venera V. M., 511/512, Triq il-Kbira San Ġużepp.

Filwaqt li se jibqgħu jiġu osservati r-regoli kif maħruġa mid-Dipartiment tas-Saħħa, il-postijiet se jkunu limitati u għaldaqstant se jkunu fuq bażi 'first come first served'.

It-8 ta' April, 2022

SANTA VENERA LOCAL COUNCIL

Public Meeting

In accordance with Article 70 (1) of the Local Councils Act (Cap. 363), the Santa Venera Local Council notifies residents that on Thursday, 21st April, 2022, at 5.30 p.m., a public meeting of the Local Council will be held in the Soċjetà Filarmonika Santa Venera Hall V.M., 511/512, Triq il-Kbira San Ġużepp.

While the regulations stipulated by the Health Department will be observed, places will remain limited and reservations will be on a first come first served basis.

8th April, 2022

KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

Sospensjoni tat-Traffiku u Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur jgħarraf li minn nhar l-Erbgħa, 11 ta' April, 2022 sal-Erbgħa, 13 ta' April, 2022, mid-9.30 a.m. sal-4.00 p.m., Triq San Nikola se tkun magħluqa għat-traffiku. Ħadd ma jista' jipparkja matul dan il-ħin.

It-8 ta' April, 2022

ĦAL GĦARGĦUR LOCAL COUNCIL

Traffic and Parking Suspension

The Ħal Għargħur Local Council notifies that from Monday, 11th April, 2022 till Wednesday, 13th April, 2022, from 9.30 a.m. till 4.00 p.m., Triq San Nikola will be closed for all traffic. Parking of vehicles is not permitted during this time.

8th April, 2022

KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

Sospensjoni tat-Traffiku u Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur jgħarraf li nhar it-Tnejn, 11 ta' April, 2022, mid-9.30 a.m. sal-4.00 p.m., Triq il-Kbira se tkun magħluqa għat-traffiku. Ħadd ma jista' jipparkja matul dan il-ħin.

It-8 ta' April, 2022

ĦAL GĦARGĦUR LOCAL COUNCIL

Traffic and Parking Suspension

The Ħal Għargħur Local Council notifies that on Monday, 11th April, 2022, from 9.30 a.m. till 4.00 p.m., Triq il-Kbira will be closed for traffic. Parking of vehicles is not permitted during this time.

8th April, 2022

KUNSILL LOKALI BIRKIRKARA

Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali Birkirkara jgħarraf li nhar il-Ħamis, 14 ta' April, 2022, Pjazza Santa Liena se tkun magħluqa u ħadd ma jista' jipparkja fiha minħabba li se jsir avveniment quddiem il-Knisja ta' Santa Liena l-ġurnata kollha.

It-8 ta' April, 2022

AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

L-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, Awtorità tal-Artijiet, jgħarraf li:

Offerti ssiġillati għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-kaxxa taL-offerti tal-Awtorità tal-Artijiet, Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta, sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, 28 ta'April, 2022.

*Avviż Nru. 40. Kiri, tale quale minn sena għal sena, għal skop ta' agrikultura, ta' sit f'Ħas-Saptan, Ħal Għaxaq, muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2022_0101. L-offerenti għandhom ikunu persuni li huma rreġistrati bħala bdiewa full- time jew part-time, skont ċertifikat maħruġ mid-Dipartiment tal-Agrikoltura li għandu jiġi sottomess mad-dokument tal-offerta jew studenti li temmew b'suċċess kors akkademiku fi studji agrikoli fil-ħames snin preċedenti mid-dħul fis-seħħ tal-Avviż Legali Nru. 573.06 li għandhom jissottomettu kopja taċ-ċertifikat rilevanti mal-offerta tagħhom. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €1,000 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' mitejn u sitta u erbgħin ewro u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (€246.54) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

